# PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.1

Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.

Lezzjoni:1.1 Il-ġmiel tal-ħolqien

L-Għanijiet:



L-istudenti:

1. Josservaw u jaraw il-ġmiel tal-ħolqien.
2. Japprezzaw il-ġmiel li hemm fis-sema u fl-art.
3. Jagħrfu li Alla ħalaq dak kollu li hemm fis-sema u fl-art.
4. Jgħidu 'grazzi' lil Alla ta' dan kollu.

Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- stampi ta' affarijiet li naraw fis-sema u fl-art (ppt 1.1 - Alla ħalaq is-sema u l-art)



- Bibbja għat-Tfal
- *Karta ta' taħriġ 1.1*
- *Song: I love.*

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Oħroġ lit-tfal fil-bitħa jew fil-ġnien tal-iskola u t-tfal iħarsu madwarhom fuq l-art u anka jħarsu 'l fuq fis-sema.
- Staqsi x'qegħdin jaraw. Għinhom japprezzaw dawk l-affarijiet li qegħdin jaraw (dawk li ħalaq Alla).
- Għinhom japprezzaw il-kuluri li qegħdin jaraw filgħodu u s-sħana tax-xemx jew ir-riħ li qegħdin iħossu.
- Staqsi kieku x'naraw bil-lejl, fid-dlam? It-tfal jagħtu l-ideat tagħhom.

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Mur lura fil-klassi u uri stampi tal-affarijiet li naraw fis-sema (kemm bi nhar kif ukoll bil-lejl). Agħti ċans lit-tfal jitkellmu dwarhom u staqsihom: Dawn rajniehom meta morna fil-ġnien?

- Uri wkoll stampi tal-affarijiet li naraw fl-art. Agħti ċans lit-tfal jitkellmu dwarhom. Staqsi: Rajniehom meta morna fil-ġnien?



- Staqsi:
  - Min taħsbu li ħalaq dak kollu?
  - Taħsbu li seta' għamel dan kollu xi bniede... il-mamà?
  - Għandu l-bniedem is-saħħa li jagħmel dan kollu?

- Aqra s-silta mill-Bibbja (Ġenesi) fejn naraw kif Alla ħalaq is-sema u l-art (tirrakkontax l-istorja tal-ħolqien imma semmi li fil-Bibbja hemm miktub li Alla ħalaq id-dinja). Oħroġ il-punt li Alla hu Missierna, li hu ħanin u jħobbna u li ħalaq dan kollu għalina.

- ❖ Fakkar li meta xi ħadd jagħtina xi ħaġa aħna ngħidulu 'Grazzi!' Mela lil Alla għandna ngħidulu 'grazzi' li ħalaq dan kollu għalina.
- ❖ Aħdem *Karta ta' Taħriġ fil-Ktieb tal-Attivitajiet* 1.1 pġ.6.

It-tfal jingħataw iċ-ċans ipinġu l-istampa. Iddiskuti l-kuluri li ser jintużaw għall-benefezzji ta' dawk li għandhom bżonn l-għajnuna f'dan ir-rigward. Accetta kull forma ta' tpinġija. Għin lil min forsi għadu jrid l-għajnuna biex ipinġi waħdu.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Semmu affarijiet sbieħ li rajna madwarna.
2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha.
3. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u iħobbna.
4. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Napprezzaw dak kollu li naraw madwarna u li tana Alla.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Poeżija jew Inkantaw:**

I love the sun
It shines on me
God made the sun
And God made me!

I love the stars
They twinkle on me
God made the stars
And God made me!

I love the rain
It showers on me
God made the rain
And God made me!

I love the flowers
They smile at me
God made the flowers
And God made me!

I love the birds
They sing to me
God made the birds
And God made me!



**Nitolbu**

Grazzi Alla talli ħlaqt id-dinja!
Grazzi talli għamiltha sabiħa!
Grazzi talli tħobbna!
Ammen!

